MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2012

Numru. 922/2002

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MICHAEL MALLIA**

**KONTRA**

**GEORGE VELLA ta’ 37 sena, iben Spiridione u Emanuela nee’ Farrugia, imwieled Tal-Pieta’ nhar l-4 ta’ Gunju, 1974, residenti fil-fond numru 2, Tarag it-Tarznari Antiki, Block 2, Bormla, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 295674M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **George Vella** li gie akkuzat talli:

a. Nhar l-14 ta’ Awwissu, 2002 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li

jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, ai termini ta' l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar il-15 ta' Awwissu, 2002, f'xi hin matul il-jum, fi Triq Censu Xerri, Sliema, ikkommetta serq ta' stereo ta' l-ghamla Clarion li l-valur tieghu jeccedi s-somma ta' Lm100.00 izda anqas minn Lm1,000.00, u diversi oggetti ohra fosthom flus kontanti minn go vettura tal-ghamla Volkswagen Polo bin-numru tar-registrazzjoni LCA823, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Naomi Grima Enriquez;

b. U aktar talli fis-17 ta' Frar, 2002, f'xi hin matul il-jum, fi Triq il-Papa Piju V, il-Belt Valletta, ikkommetta serq ta' stereo tal-ghamla Pioneer li l-valur tieghu jeccedi s-somma ta' Lm100.00 izda anqas minn Lm1,000.00 minn go vettura tal-ghamla Volkswagen Polo bin-numru tar-registrazzjoni FBH941, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Valhmor Montfort;

c. U aktar talli fit-23 ta' Frar, 2002, f'xi hin matul il-jum, fi Triq il-Papa Piju V, il-Belt Valletta, ikkommetta serq ta' apparat tal-fotografija minn go vettura tal-ghamla Kia Pride bin-numru tar-registrazzjoni GAK217, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-dannu ta' David James;

d. U aktar talli fil-15 ta' Awwissu, 2002, u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dati, hinijiet u cirkostanzi differenti, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom, liema oggetti misruqa gew minn reati ta' serq ikkwalifikat bil-mezz, valur, hin u xorta tal-haga misruqa;

e. U aktar talli fil-15 ta' Awwissu, 2002 u fix-xhur ta' qabel din id-data, volontarjament gharraq jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' diversi proprjetajiet ghad-dannu ta' diversi persuni, liema ammont tal-hsara, f'kull kaz, ma

jiskorrix il-hames mitt lira Maltin imma izjed minn hamsin lira Maltin;

f. U finalment talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji (folio 43), dwar liema l-imputat iddikkjara li ma kellu ebda oggezzjoni.

Semghet ix-xhieda ta' PS 1574 Renaldo Cremona li xehed illi waqt patrol kien ra zewg persuni, wiehed minnhom l-akkuzat, li kellhom oggett imgezwer go flokk ahmar. Dan kien stereo Clarion LCLO48110013790 (serial number). Dan kien fil-15 ta' Awwissu, 2002.

WPC 28 Azzopardi xehdet dwar rapport li rceviet ta' serqa ta' stereo minn vettura FBH941 fis-17 ta' Frar, 2002.

Valhmor Montfort xehed li fis-16 ta' Frar, 2002, kien hareg mid-dar u sab il-hgiega tal-karozza Volkswagen FBH941 miksura. Mill-vettura kien insteraqlu stereo li kien ta' valur ta' Lm80.00.

Naomi Grima Enriquez xehdet illi kienu fethulha l-vettura Volkswagen Polo li kienet ipparkjata Tigne', u minnha serqulha seat cover, radio, u xi flus. Ir-radio kien tat-tip Clarion li kellu serial number CLO48110013790 li kellu valur ta' Lm110.00. Xehdet illi biex irrangat l-istess vettura switilha Lm56.00.

Illi dawn kienu l-provi li tressqu fil-konfront ta' dan l-imputat, li pero, nonostante t-trapass kbir ta' zmien, qatt ma kellem lill-Avukat tieghu jew ressaq xi provi in difesa. Anzi aktar tard anke talab lil din il-Qorti tiddeciedi l-kawza minghajr ma hu jkun assistit.

Rat ukoll ir-rapport tal-PIRS ezebit minn PS 403 James Grech, rapport maghmul minn Naomi Grima Enriquez fil-

15 ta’ Awwissu, 2002, dwar serqa li sofriet mill-vettura Volkswagen LCA823 ta’ stereo Clarion ta’ valur ta’ Lm110.00; seat cover ta’ valur ta’ Lm7.00; u cash ghall-ammont ta’ Lm5.00 (foli0 53).

Ikkunsidrat:

Illi kif qalet din il-Qorti, il-provi migjuba huma ferm skarsi, pero stante x-xhieda ta’ PS 1574 Renaldo Cremona, li sab lill-imputat flimkien ma’ Galea fil-pussess ta’ l-stereo misruq mill-Volkswagen ta’ Naomi Grima Enriquez, fl-istess gurnata ta’ l-istess serqa, imkebbeb fi flokk, allura mistur, din il-Qorti ssib htija ta’ tali serq a bazi tad-dottrina ta’ ‘recent possession’ ta’ l-oggett misruq.

Ticcita hawn il-Qorti lill-awturi Smith and Hogan fuq it-teorija tar-“recent possession” (Smith and Hogan’s Criminal Law, 12th Edition, page 946):

“*Where D is found in possession of, or dealing with, property which has recently been stolen, a jury may properly infer that he is guilty of an offence if he offers no explanation or if they are satisfied beyond reasonable doubt that any explanation he has offered is untrue. They are not bound so to infer and must not do so unless they are sure that D was guilty of the particular offence. The onus of proof remains on the Crown throughout. Whether D offers an explanation or not, the jury must not convict unless they are sure that he has committed the offence in question.*”

Ikompli:

“*As the length of time lengthens between the theft and the discovery of D’s connection with the stolen property, the weight of evidence diminishes, but it will vary according to the nature of the property stolen and other circumstances.*” (page 947).

Tenut kont tal-fatt illi l-stereo Clarion li nstab fil-pussess anke ta’ Vella, ghalkemm ma kienx qieghed igorru hu, instab vicin qrib is-serqa tieghu mill-Volkswagen, in linja

mad-dottrina esposta, din il-Qorti qieghda ssib lil George Vella hati ta' l-istess serq u l-hsara li saret fuq il-vettura in kwistjoni, u dan wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 271, 278, 21, 279, u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tilliberah mill-akkuzi l-ohra in kwantu mhumiex pruvati.

In kwantu ghall-piena, rat ukoll il-fedina penali aggornata tieghu, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sena u nofs.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------